**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum 9 ta' Mejju 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs.**

**Michael Raymond Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Michael Raymond Sciberras iben David Sciberras u Jill Ann nee' Neaves Lambeth, mwieled Welwyn Garden City Hatfield, Ingilterra nhar l-14 ta' Marzu 1991 u residenti gewwa 14, Sqaq Marina, Numru 1, Kalkara u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 215805L.

Akuzat talli nhar is-07 ta' Mejju 2016 bejn is-saghtejn u l-hamsa ta' wara nofs-inhar (14:00Hrs – 17:00Hrs) gewwa BUS 144 li kienet tinsab Putirjal, Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer;

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti li jammonta ghal €150 liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Leighton Farrugia u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjoni dedotta kontrih kienet ta' sentejn (2) prigunerija, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed sabiex jikkonsulta l-avukat difensur tieghu sabiex biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fuq il-piena dwar il-piena,

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija u li l-fedina penali tieghu hi wahda netta, u l-flus li seraq irritornahom lura qabel bdew dawn il-proceduri, u ghalhekk huwa applikabbli l-Artikolu 337(2) tal-Kodici Kriminali u ghandu jkun hemm tnaqqis fil-piena.

Pero l-partijiet qablu li l-imputat ghandu problema ta' tossiko-dipendenza u fi ftit jiem ohra ghandu jibda programm mal-Agenzija Oasi sabiex jirriabilita ruhu minn dan il-vizzju ikrah.

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li piena karcerarja mhix idonea u jkun aktar opportun li l-imputat jinghata opportunita sabiex jghin lilu nnifsu jeghleb il-vizzju tieghu, u jitbieghed mid-dinja tad-droga.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Probation hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**(ft) Magistrat**
**Vera kopja**

**Deputat Registratur**

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**ORDNI TA’ PROBATION**
**(maghmul skond l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta)**

Illum, it-Tnejn 9 ta’ Mejju, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Michael Raymond Sciberras**

Il-Qorti,

Billi Michael Raymond Sciberras (hawn taht imsejjah "probationer") gie misjub hati kif indikat fis-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija minn din il-Qorti llum stess, u gie impoggi taht Ordni ta’ Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li ssir din l-Ordni ta’ Probation;

U wara li fissret bi kliem car l-effetti ta’ din l-Ordni lill-probationer, inkluzi l-kundizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht, u li jekk jonqos li jhares din l-Ordni

jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta’ tliet snin (3) ikun jista’ jigi ikkundannat ghar-reat li ghalih qieghda tigi maghmula din l-Ordni, u wara li nnutat li l-istess probationer wera li jrid ihares il-kundizzjonijiet ta’ din l-istess Ordni;

Tordna li l-probationer Michael Raymond Sciberras li joqghod 14, Sqaq Marina, Numru 1, Kalkara, detentur tal-karta ta' l- identita numru 215805L u ghandu mobile phone bin-numru . . . . . .…………………..  ikun taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation ghal zmien ta' tliet snin (3) mil-lum, u ghandu jhares ukoll il-kundizzjonijiet addizzjonali hawn taht imsemmija:

1. Li matul dan il-perijodu l-probationer igib ruhu tajjeb u jghaddi hajja ta' bzulija;

2. Li joqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal tal-Probation li jistghu jinghatawlu minn zmien ghal zmien;

3. Li jibqa' f'kuntatt ma' l-Ufficjal tal-Probation skond l-istruzzjonijiet li jista' minn zmien ghal zmien jinghata mill-imsemmi Ufficjal, u li jattendi ghal-laqghat kollha li l-Ufficjal tal-Probation jiffissa/tiffissa minn zmien ghal zmien u jaghti lill-istess Ufficjal kull informazzjoni li tigi mitluba lilu;

4. Li jaghti lill-Ufficjal tal-Probation dawk il-*urine samples* li jista' minn zmien ghall-iehor jigi mitlub sabiex jigu analizzati ghall-prezenza o meno ta' sustanzi illegali;

5. Li jircievi zjarat ta' l-istess Ufficjal tal-Probation kemm fid-dar tieghu kif ukoll fuq il-post tax-xoghol;

6. Li jekk ikun se jbiddel l-indirizz tar-residenza tieghu jew in-numru tal-mobile tieghu, jaghti preavviz ta' almenu hmistax-il gurnata lill-Ufficjal tal-Probation tieghu, sakemm ma jkunx hemm ragunijiet li jiggustifikaw li l-probationer jaghti preavviz iktar qasir;

7. Li tul iz-zmien tal-*probation* ma jkunx jista' jsiefer minn dawn il-Gzejjer minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti;

8. Li jibda u/jew jikkompleta l-programm ta' rijabilitazzjoni jew trattament iehor fi hdan wahda mill-agenziji li jahdmu kontra l-vizzju tad-droga minghajr interruzzjoni, kif jigi suggerit lilu mill-Ufficjal tal-Probation tieghu, u li jiehu kwalunkwe kura ohra, u jibda u jkompli kwalunkwe programm ta' rijabilitazjoni jew trattament iehor li jigi indikat lilu mill-Ufficjal tal-Probation sabiex jgheleb il-vizzju tad-droga, u li joqghod ukoll ghad-direttivi kollha li jistghu jaghtuh il-persuni u/jew agenziji li jigi riferut lilhom mill-Ufficjal tal-Probation;

9. Li jmur ghal dawk l-appuntamenti li jigu ffissati ma' professjonisti u li jikkonsulta mal-professjonisti kollha li jigu riferiti lilu mill-Ufficjal tal-Probation u li joqghod ghal kull istruzzjoni li dawn il-professjonisti jaghtuh.

L-Ufficjal tal-Probation ghandu/ghandha jgib/iggib a konjizzjoni tal-Qorti Kriminali, permezz ta' rikors ta' denunzja, il-ksur ta' dawn il-kondizzjonijiet jew xi wahda minnhom..

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tigi minnufih konsenjata lill-probationer kif ukoll lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation skond is-subartikolu (8) ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446.

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .
Firma tal-Probationer

| | |
|---|---|
| . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . |
| Marse-Ann Farrugia | Nadia Ciappara |
| Magistrat | Deputat Registratur |